MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 178/2007

Il-Pulizija
Vs
Daniel Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta’ Frar, 2007 ghall-habta tal-4.00 p.m., f’Hal-Far Road, Hal-Far, Limiti tal-Gudja,

1. saq mutur ta’ ghamla “Yamaha XV 400” (nru. BRN-051) u ghamel uzu minn numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dak moghti mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe’ ghamel uzu minn pjanci tan-numri tar-registrazzjoni ohra FAP-091 li jirriferu jew jippartjenu lill-mutur iehor ta’ ghamla “Yamaha 175” u gew uzati fuq il-mutur “Yamaha XV 400”, nru. BRN-051 li kien qed isuq;

2. saq l-istess mutur nru. BRN-051 meta ma kienx licenzjat mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex jintuza fit-triq (mutur nru. BRN-051 garaxjat);
3. saq l-istess mutur nru. BRN-051 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
4. kif ukoll fl-istess cirkostanzi, bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju mill-istess mutur (bi pjanci ohra FAP-091), saq dan il-mutur kemm b'forza mekkanika jew b'mod iehor minghajr ma kellu il-permess tas-sid jew awtorita' kompetenti ohra;
5. u aktar fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq l-imsemmi mutur nru. BRN-051, qasam il-linji doppji bojod kontinwi;
6. naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vettura ohra;
7. naqas li jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq waqt is-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'April, 2007 li biha wara li rat l-artikolu 15(1)(a0(3) tal-Kap. 65, ir-Regolamenti 14(1), 51(7)(a), 35(5), 51(5) u 51(6) tal-A.L. 476/2004, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u r-Regolamenti 75 u 88 tal-A.L. 128/1994, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha hlief ghall-ewwel akkuza ghax ma kienitx sufficjentement ippruvata w ikkundannatu jhallas multa ta' elf u mitejn lira Maltin (LM1200).
Il-Qorti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn instab hati u kkundannat ghall-piena ndikata f'dan ir-rikors, billi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-Ligi u f'kull kaz li dan ma jigiex milqugh, ghal kull piena ohra addattata skond il-kaz u skond il-Ligi, tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha fejn illiberat minn l-ewwel imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:- Li s-sid Caruana kien halla l-mutur de quo fil-pussess ta' l-appellant Daniel Cutajar u dan kif xehed Caruana stess. Il-mutur kien misjuq minn Cutajar kif instab meta s-sid Caruana fdah fil-pussess tal-imputat Cutajar. Li l-appellant qatt ma seta' jkun jaf illi l-mutur misluf u misjuq kien irregistrat bi pjanci w numru ta' registrazzjoni ggaraxxjati.(Sic!) Ma kellu ebda mezz u hjiel kif jivverifika dan kollu. Illi dwar l-akkuza li l-appellant saq dan il-mutur minghajr ma kien kopert b' polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni, l-htija w l-kundanna ghall-piena ta' LM1000 multa hija bazata fuq il-provvedimenti tal-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104. Il-Konvenzjoni ghad-Drittijiet tal-Bniedem Ewropeja permezz tal-artikolu 6 (2) tesigi li gudikant m' ghandux jisma' l-kaz bi prekoncetti w jitfa' fuq l-imputat l-oneru tal-prova li suppost taqa' fuq il-prosekuzzjoni. Dan il-punt gie sollevat u determinat f' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja (Sic!). Inoltre l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar hija wahda harxa u tikkaguna danni serji lill-appellant, stante li hekk ser ikun prekluz mix-xoghol tieghu fl-industrija tal-bini fejn hu impjegat bhala xufier ta' truck li jqassam il-gebel. Dan hu kaz ta' *special reasons* kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Il-Pulizija vs. George Ebejer" [9.3.1957], fejn il-periodu tas-sospensjoni kien gie imnaqqas.

Semghet ix-xhieda mil-gdid fl-udjenza tal-21 ta' Gunu, 2007;

Rat il-verbal registrat fl-istess udjenza fejn l-Avukat Dottor Chris Cardona ghall-appellant irtira l-aggravji kollha dwar il-mertu w zamm ferm biss l-aggravju dwar il-piena.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi issa li l-appell gie limitat ghall-piena, jintqal li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

Di fatti r-reat imsemmi fit-tielet imputazzjoni u cioe' dak ta' sewqan ta' vettura bla ma kien kopert b' polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi , skond l-artikolu 3 (1) (2) tal-Kap.104, kif emendati bl-Att XXX tas-sena 2002, igib mieghu fil-kaz tal-ewwel reat, kundanna ghall-multa ta’ mhux inqas minn LM1000 u mhux izjed minn LM2000 jew prigunerija ta’ mhux aktar minn tlitt xhur, jew il-multa w prigunerija flimkien; fil-kaz tat-tieni kundanna, multa ta’ mhux inqas minn LM2000 u mhux izjed minn LM2500 jew dik ta’ prigunerija ta’ mhux aktar minn sitt xhur, jew it-tnejn f’ daqqa; u fil-kaz tat-tielet kundanna jew aktar, multa ta’ mhux inqas minn LM2500 u mhux aktar minn LM3000 jew dik tal-prigunerija sa mhux aktar minn sena jew it-tnejn f’ daqqa, kif ukoll il-konfiska tal-vettura w skwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar mid-data li jkun gie misjub hati, hlief jekk il-Qorti ghal **ragunijiet specjali** tikkunsidra li tordna mod iehor.

Illi jidher ukoll li l-mitejn lira multa l-ohra li gew erogati fuq l-imputazzjoniet l-ohra huma wkoll entro l-parametri tal-ligi.

Ghalhekk ma hemmx dubju li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija entro dik li tippermetti l-ligi,

L-appellant pero' qed jitlob li jkun hemm riduzzjoni fil-piena tas-sospensjoni tal-licenzji tieghu tas-sewqan press li hu impjegat bhala driver ta' truck fix-xoghol tal-bini. Imma kif gie ritenut minn din il-Qorti f' diversi sentenzi minn ix-xoghol tieghu jiddependi mis-sewqan ta' vetturi, jrid joqghod aktar attent u vigilanti li ma jiksirx il-ligijiet tat-

traffiku jew ta' kopertura b' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi. Dan ghaliex inkella proprju dawk in-nies li jkunu jsuqu aktar minn haddiehor, minnflok ma joqghodu aktar attenti fis-sewqan taghhom, ikollhom xi speci ta' immunita' mill-ligijiet tal-pajjiz li jirregolaw it-traffiku jekk semplicement biex ma jitilfux l-impieg jew ix-xoghol taghhom, jinghataw xi immunita' jew trattament aktar legger mill-Qrati meta jinstabu hatja ta' ksur tal-ligijiet tal-pajjiz in materja. Dan ikun kontrosens.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Manwel Falzon"** [2.11.2006]:-

"….zgur li mhux attenwanti l-fatt li l-appellant ghandu l-ghixien tieghu jiddependi mis-sewqan tal-mini buses biss. Anki kieku dan kellu jigi pruvat – li ma kienx - kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs.Paul Azzopardi"** [4.8.2006] il-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghixien tieghu *"ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunita' mill-kastig meta jinqabad isuq hazin".*

L-appellant fir-rikors tieghu jiccita s-sentenza moghtija mill-kompjant Imhallef William Harding fl-Appell **Kriminali "Il-Pulizija vs. George Ebejer"**[ 9.3.1957], fejn din il-Qorti kienet sabet li kien hemm *"special reasons"* u imponiet sospensjoni iqsar minn dik stipulata fil-ligi. Pero' l-fattispecji ta' dak il-kaz huma alkwantu differenti minn dawk ta' dan il-kaz u f' dan il-kaz ma jidhirx li jirrikorru xi *"special reasons*" ghaliex l-appellant ghandu jigi trattat b' kod aktar miti milli tispcifika l-istess ligi. Lanqas ma jidher li kien hemm xi emergenza jew kaz ta' bzonn li seta' jinnecessita s-sewqan tal-mutur mhux licenzjat ghat-triq u bla ma kien kopert b'polza tas-sigurta' kontra r-riskji ta' terzi persuni.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha, b' dana li l-

periodu tal-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien sena, jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum.

Il-Qorti, fuq talba tal-appellant, qed tikkoncedi erba w ghoxrin xahar zmien biex tithallas il-multa b' dana li din ghandha tithallas f' rati mensili ta' mhux inqas minn hamsin lira maltin (LM50 ) fix-xahar pagabbli fl-ewwel jum ta' kull xahar, l-ewwel hlas ikun dovut fl-1 ta' Settembru, 2007, b' dana li jekk l-appellant jonqos milli jhallas xi skadenza wahda jew parti minnha puntwalment, l-ammont kollu li jkun ghadu dovut isir esegibbli minnufieh u f' kaz li dan ma jithallasx fiz-zmien gimgha, jigi konvertit f' periodu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------